# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hdax (11) ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru 84/18 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 16/18 fl-ismijiet**

**Carmelo sive Charles Bianco (ID 44368M) ghan-nom tas-socjeta Western Company Limited**

**vs**

**Boris Formosa (ID 435878M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat minn Boris Formosa fil 5 ta' April 2018 fejn talab is-segwenti:

*1. Illi dan huwa rikors sabiex ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li saret nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fl-ismijiet Carmelo sive Charles Bianco (K.I. numru 44368M) ghan-nom tas-socjeta Western Company Ltd vs. Boris Formosa (K.l. 435878M) tigi rexissa u tigi dikjarata nulla ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Illi l-esponenti kien ircieva l-ittra hawn fuq imsemmija u ma dahhalx nota kif jezigi l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12;*

*3. Illi sussegwentement gie notifikat bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 456/18 fl- ismijiet Carmelo sive Charles Biano (K.I. numru 44368M) ghan-nom tas-socjeta Western Company Ltd vs. Boris Formosa (K.I. 435878M);*

*4. Illi l-esponenti qieghed jintavola dan ir-rikors a tenur tas- subartiklu (5) subinciz (ii) ta' l-artiklu 166A tal-Kapitolu 12 fejn titolu ezekuttiv li jinkiseb taht id-dispozizzjonijiet ta' l-istess artiklu ghandu jkun rexiss u dikjarat null mill-Qorti jekk wara min jircievi l-ittra ufficjali jkun notifikat minn mandat ezekuttiv, jaghmel talba illi l-ittra ufficjali, ma*

*jkollhiex il htigijiet kontemplati fis-subartikli (l), (2) u (3) ta' l-artiklu 166A tal-Kapitolu 12;*

*5. Illi artikolu 166A (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovd li: "L-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficiali, illi ghandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur jew quddiem ir-registratur jew Prokuratur Legali mahtur bhala Kummisarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il Kummissiunarji b'setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-Gurament, li ghandha tigi notifikata lid-Debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car taht piena ta' nullita ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa u dikjarazzioni tal-fatti b'sostenn tat-talba;*

*6. Illi l-Artikolu 166A (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovd li: "l-ttra ufficjali ghandu wkoll ikun fiha taht piena ta' nullita intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali billi jipprezenta nota fl-atti ta' dik ittra ufficiali li fiha tigi respinta t-talba u li tista tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Lega dik l-ittra ufficiali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv;*

*7. Illi I-esponenti qieghed jintavola dan ir-rikors ghas-segwenti ragunijiet:*

*(i) Illi l-ittra mertu tar-rikors hija priva u nieqsa minn dak li jitlob tassattivament Artikolu 166A (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li: "l-ittra ufficjali ghandu wkoll ikun fiha taht piena ta' nullita intimazzioni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali billi jipprezenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv;' fil-fatt, l-ittra mertu ta' dan ir-rikors fl-avviz tghid hekk biss*

> *"Din l-ittra ufficiali qed tintbghat taht l-Art 166A tal-Kap 12 tal Ligijiet ta' Malta. Fin-nuqqas li twiegeb fi zmien tletin (30) jum, din l-ittra ufficjali ssir titolu ezekuttiv."*

*Illi ghalhekk:*

*(c) la fiha intimazzjoni li trid issir nota fl-atti;*
*(d) la fiha intimazzjon li trid tigi pprezentata fil-Qorti mid-debitur stess ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Lega minghair il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali;*

*u dawn in-nuqqasijiet irenduha mhux skont dak li jippretendi dan l-Artikolu fil-ligi taghha, liema ligi hija cara u partikolari tenut kont ic-cirkostanzi li ggib maghha gialadarba din it-tip ta' ittra jirceviha d-debitur;*

*(ii) Illi l-ittra mertu ta' dan ir rikors hija priva minn dak li jipprovdi tassattivament l-Artikolu 166A (2) tal-Kap 12 a fini ta' dikjarazzjoni tal-fatti li tirrifletti dak li hemm fl-ittra ufficjali peress li saret minnn Carmelo sive Charles Bianco (KI numru 44368M) ghan-nom tas socjeta Western Company Ltd u ssemmi kambjali meta l-kuntratt anness bhala Dok A lanqas biss huwa ghan-nom ta' Western Company Ltd izda ffirmat minn Boris Formosa u Charles Bianco ghan nom ta' Gianluca Auto Dealers;*

*(iii) Illi l-ittra mertu ta' dan ir-rikors hija priva minn dak li jitlob tassattivament l-Artikolu 166A (2) tal-Kap 12 a fini ta' dikjarazzjoni tal-fatti li tirrifletti dak li hemm fl-ittra ufficiali peress li ghalkemm fiha jissemma ammont ta' €23,960, il-kuntratt fuq wara lanqas biss jammonta ghall-€23,690 izda huwa dwar Lm8,900 li meqlubin f ewro jigu €20,73I;*

*(iv) Illi l-ittra mertu tar-rikors hija priva minn dak li jitlob tassattivament Artikolu 166A (2) tal-Kap 12 u cioe dikjarazzjoni jew dokumenti li jissosstanzjaw din it-talba ghax ghall darba'ohra ghalkemm jissemmew import ta' kambjali dawn lanqas biss huwa annessi bhala dokument jew esebiti jew dokument iehor li jissostanza l-ammont ta' €23,960, lanqas dikjarazzjoni mahlufa jew xi skeda li tispjiega l-ammont o meno;*

*(v) Illi oltre hekk jirrizulta li ittra ufficjali giet pprezentata minna Carmelo sive Charles Bianco (K.I. 44368M) ghan-nom tas socjet Western Company Ltd, minghajr ma' din is-socjeta ma indikat in-numru ta' registrazzjoni taghha u meta l-esponenti ma ghandu ebda relazzjoni guridika ma' Western Company Ltd, anzi jirrizulta mid-dokument anness li Dokument A gieffirmat minn Charles Bianco ghan nom ta' Gianluca Auto Dealers;*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha.*

*1. Tappunta dan ir rikors ghas-smiegh skont il-ligi;*

*2. Tirrexxindi t-titolu ezekuttiv miksub Carmelo sive Charles Bianco (K.I. numru t 44368M) ghan-nom tas societa Western Company Ltd vs. Boris Formosa (KI 435878M) ai termini tal-Ittra Ufficjali li saret ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 16/18;*

*3. Tiddikjara l-istess titolu ezekuttiv miksub Carmelo sive Charles Biano (K.I. numru 44368M) ghan-nom tas-societa Western Company Ltd vs. Boris Formosa (K I 435878M) ai termini tal-Ittra Ufficjali li saret ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 16/18 bhala null u bla effett fil-Ligi u dan stante illi l-ittra ufficiali ma kienx fiha l-htigijiet kontemplati fl-artikolu 166A (1),(2) u (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' malta u dan taht dawk id-dispozizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierga li tordna.*

*4. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 456/2018 fl- ismijiet Carmelo sive Charles Biano (K.I. numru 44368M) ghan-nom tas societa Western Company Ltd vs. Boris Formosa (K.I. 435878M)*

*Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni:*

Rat kopja tal-Ittra Ufficjali Nru 16/18 intavolata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 18 ta' Jannar 2018 u l-ftehim datat 2 ta' Frar 2007 li jghid li gie miftiehem bejn:

*" Min-naha l-wahda s-sinjur Charles Bianco, ghan-nom ta' Gianluca Auto Dealers, St. Mary Street, B'kara, li ghandu rispettivament karta ta' l-identita' numru 44368(M) maghruf aktar 'l-isefl bhala 'il-venditur,*

*Minn-naha ohra s-sinjur Boris Formosa, residenti, 79, Triq San Guzepp, Sliema, li ghandhom rispettivament karta ta' l-Identita' numru 435878M, maghrufa aktar 'l isfel bhala 'il-kompraturi'."*

Rat illi fid-9 ta' April 2018 il-Qorti ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-23 ta' April 2018.

Rat ir-risposta ta' Carmelo sive Charles Bianco ppresentata fl-20 ta' April 2018 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qal is-segwenti:

*Illi preliminariament in-nullita ta' dawn il-proceduri u dan stante illi r-rikors intavolat kellu jigi ppresentat fl-istess Qorti fejn giet ippresentata l-ittra ufficjali de quo. L-ittra ufficjali kienet ippresentata fil-Prim Awla u dan propriu ghaliex l-ammont pretiz f'dik l-ittra jezorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti.*

*Illi konsegwentement u preliminarjament ukoll qed tigi eccepita l-inkompetenza ratione valoris.*

*Illi preliminarjament ukoll ir-rikors huwa null minhabba illi huwa effettivament zewg proceduri maghqudin flimkien. Fil-fatt it-talba hija kemm wahda taht l- artikolu 166A(5) tal-Kap.12 u kif ukoll wahda biex jigi revokat mandat ezekuttiv taht l-artikolu 281 tal-Kap. 12. Dawn kellhom isiru permezz ta' zewg. rikorsi separati stante li huma proceduri distinti u separati.*

*Illi minghajr pregudizziu u fil-mertu il-pretenzionijiet tar-rikorrenti ma jaghtux lok ghat-thassir tat-titolu ezekuttiv in kwistjoni. Qed jigi lmentat illi l-avviz fuq in-naha ta' fuq ta' l-ittra m'hux kelma b kelma kiftrid il-ligi.*

*Illi l-avviz kif inhu fuq l-ittra sar skont il-ligi sussidjarja u konsegwentement hija valida. Wara kollox lex posterioris derogat anterioris u lex specialis derogat generalis.*

*Illi minghajr pregudizzju il-kumplament tal-pretensjonijiet fir-rikors tar rikorrent huma kwistioni ta' mertu u ta' kontestazzjoni tal-mertu liema pretenzjonijiet m'humiex permessi a tenur ta' l-artikolu 281(4) tal-Kap. 12. Dawn kellhom jigu indikati fin-nota in risposta ghall-ittra ufficjali u ma jitqaijmux issa f'dan istadju. Se mai u in pessima ipotezi iridu jsiru proceduri appoziti permezz ta' rikors guramentat.*

*Illi l-applikabilita ta' l-artikolu 166(5) hija limitatissima u cioe tikkontempla biss zewg sitwazzjonijiet:*

*"(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficiali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (ii) li l-ittra ufficiali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*

*Illi ghalhekk la darba r-rikors jidher li qed jigi intavolat skont il-paragrafu (ii), dan ma jikkontemplax kontestazzjoni fil-mertu ghaliex din il-procedura ma tistax tissostitwixxi nuqqas ta' intimat meta ma jkunx ippresenta nota biex jikkontesta.*

Rat illi fit-23 ta' April 2018, il-partijiet qablu illi kienu qed jistriehu fuq id-dokumentazzjoni gia prodotta w il-kawza setghet tithalla ghas-sottomisjonijet finali verbali.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-17 ta' Mejju 2018, wara liema data il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-azzjoni odjerna saret wara illi l-intimat gie notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv nru 456/18, u dana fit-22 ta' Marzu 2018 (vide fol 22 tergo).

Jirrizulta illi, in succint, ir-rikorrent qieghed jikkontendi illi t-talba tieghu ghandu tigi milqugha u ghalhekk l-Ittra Ufficjali ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett stante illi l-Ittra Ufficjali saret ghan-nom ta' Western Company Limited, meta ftehim ma' tali kumpannija ma kienx sar, l-ammont reklamant ma huwiex attwalment l-ammont dovut skond il-ftehim bejn il-partijiet u l-Ittra Ufficjali ma tinkludiex l-intimazzjoni rikjesta fil-Ligi filwaqt illi ma hemmx dikjarazzjoni cara tal-fatti.

Jirrizulta illi, in difiza, s-socjeta intimata tikkontendi illi, preliminarjament, dina l-Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tiddeciedi dina l-vertenza stante illi l-Ittra Ufficjali saret quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. L-istess socjeta intimata tikkontendi illi l-azzjoni odjerna tikkontempla zewgt azzjonijiet differenti, ossija dik ikkontemplata taht l-Artikolu 166A (5) u dik ikkontemplata taht l-artikolu 281, t-tnejn tal-Kap 12, liema fatt ma huwiex possibbli. Finalment, filwaqt illi tinsisti illi d-dicitura tal-Ligi giet rispettata fl-Ittra, l-applikabilita' tal-Artikolu 166A (5) hija limitatissima u ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, dwar l-ewwel eccezzjoni tar-*ratione materie*, is-socjeta intimata ma insistietx dwarha.

Madanakollu, dina l-Qorti ma tistax ma tosservax illi hemm anomalija fil-Ligi, u dana peress illi l-Artikolu 166A (1) tal-Kap 12 jipprodvi illi l-azzjoni odjerna tapplika ghal "*meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeccedi hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000)*", filwaqt illi, sussegwentement, l-Artikolu 166A (5) jipprovdi illi biex tintalab rexissjoni ta' titolu ezekuttiv ottjenut taht dana l-artikolu dana ghandu jsir "*permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)*"

Il-Qorti tosserva illi, a tenur tal-Artikolu 47 (1) tal-Kap 12, il-Qorti tal-Magistrati, imsejha 'Il-Qrati Inferjurii' ghandhom kompetenza sabiex "*tisma u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' hmitsax-il elf euro (€15,000)*"

Madanakollu, tenut kont tal-fatt illi l-Legislatur ghadda biex jistipula carament illi l-Qorti tal-Magistrati hija l-Qorti kompetenti, ghaldaqstant, hija dina l-Qorti li hija kompetenti sabiex tisma dawna t-talbiet.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, dwar l-eccezzjoni taz-zewgt azzjonijiet intentati mir-rikorrent, il-Qorti tosserva illi l-bazi tal-azzjoni odjerna hija dik stabbilita fl-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12, ossija illi titalab ir-rexissjoni tat-titolu ezekuttiv, ossija Ittra Ufficjali, fejn dana jigidikjarat null u bla effett.

Jirrizulta, ghalhekk, illi t-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru 456/18 ma hijiex possibbli, stante illi ma hijiex kkontemplata fl-Artikolu 166A fuq imsemmija u tali revoka tenhtieg procedura

ohra, liema proceduri tista ssir biss jekk it-titolu ezekuttiv, ossija Ittra Ufficjali, tigi dikjarata nulla u bla effett.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrenti jikkontenti illi l-Ittra Ufficjali ma ghandhiex inkluza fiha l-intimazzjoni necessarja u imsemmija fl-Artikolu 166A (2) tal-Kap 12, u ghalhekk l-Ittra Ufficjali hija nulla.

Jirrizulta illi, a tenut tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kull Ittra Ufficjali mibghuta a tenur tal-Artiklu 166A ghandha jkollha s-segwenti kliem "stampati b'ittri car u precizi taht l-intestatura tal-Qorti":

> *"Din l-ittra ufficjali qed tintbaghat taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum, din issir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali."*

Jirrizulta illi l-intestatura tal-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna tghid is-segwenti:

> ***"Din l-ittra ufficjali qed tintbaghat taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nuqqas li twiegeb fiz mien tletin (30) jum, din l-ittra ufficjali ssir titolu ezekuttiv"***

Jidher car, mill-qari ta' tali avviz, illi twissija importanti u mehtiega mill-Ligi giet skartata mir-rikorrenti meta ntavola l-Ittra Ufficjali odjerna, ossija illi "*huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali.*"

Jirrizulta illi l-Legislatur ha hsieb illi jdahhal dana l-avviz preciz fil-Ligi sabiex jigi evitat abbuz, da parte ta' persuni, mill-azzjoni pprodvuta fl-Artikolu 166A, u dana billi javzaw lill min jirceviha sabiex imur ghand Avukat jew Prokuratur Legali fl-ahjar interess tieghu.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata ghazlet illi tonqos milli dahhal dana l-avviz fl-intestatura tal-Ittra Ufficjali taghha, u ghalhekk johrog car illi l-avviz ma jinkludix l-"Ittri car u precizi taht l-intestatura tal-Qorti" rikjesta mill-Ligi.

Ghaldaqstant, dak stabbilit fl-Artikolu 166A (2) tal-Kap 12 ma giex onorat mis-socjeta intimata, u ghalhekk l-Ittra Ufficjali hija nulla u bla effett.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tista facilment tieqaf hawn u tiddeciedi r-rikors fuq dak fuq stipulat. Madanakollu, ir-rikorrenti qajjem zewgt istanzi ohra illi abbazi taghha tista tintalab ir-rexissjoni tal-Ittra Ufficjali, u dana kienu s-segwenti:

- l-ammont kkontemplat fil-ftehim illi abbazi tieghu saret l-Ittra Ufficjali ma kienx ta' €23,960 kif mitlub, izda kien ta' Lm8,900, ossija €20,731;

- Il-ftehim kien sar bejn ir-rikorrenti Boris Formosa u "Charles Bianco, ghan-nom ta' Gianluca Auto Dealers", u mhux Charles Bianco ghan-nom ta' Western Company Limited, kif indikat fl-Ittra Ufficjali.
- 

Il-Qorti tqis illi ghandha taghmel is-segwenti osservazzjonjiet:

Jirrizulta illi l-bazi tal-Ittra Ufficjali a tenur tal-Artikoliu 166A huwa illi hija azzjoni "ghall-hlas ta' dejn cert, likwidu u li ghalaq u li ma jkunx jikkonsisti f'ezekuzzjoni ta' fatt".

Jirrizulta illi l-ftehim ta' hlasijiet kien fl-ammont ta' Lm8,900, ossija €20,731.42, konvertita bir-rata ta' €2.33 ghal kull Lira Maltija.

Jirrizulta ghalhekk illi l-ammobnt ta' €23,960 indikat mill-intimat Charles Bianco ma huwiex ammont cert likwidu u dovut, izda huwa ammont stabbilit mill-istess intimat u mhux rifless fil-ftehim illi abbazi tieghu intavola l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna.

Ghalhekk, l-ilment tar-rikorrent f'dana il-fatt huwa gustifikat.

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa ma ftehmx ma' Western Company Limited, kif jikkontendi l-intimat Charles Bianco, izda ftehm ma' Gianluca Auto Dealers, u dana kif jidher fil-ftehim illi abbazi tieghu saret l-Ittra Ufficjali meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta, minn harsa lejn il-ftehim, illi filwaqt illi l-ftehim jghid li qed jidhru fil-ftehim "*Charles Bianco ghan nom ta' Gianluca Auto Dealers*", l-istess ftehim, fl-ahhar tieghu, ghandu l-firma ta' l-istess Charles Bianco u taht il-firma tieghu hemm il-kliem "*Charles Bianco ghan-nom ta' Western Company Limited.*"

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm fl-ahhar tal-ftehim, Charles Bianco huwa deskritt bhala persuna illi qed jidher "*ghan-nom ta' Western Company Limited"*, fil-korp tal-ftehim, huwa qieghed jiddeskrivi lilu nnifsu bhala persuna illi qed jidher "*ghan nom ta' Gianluca Auto Dealers"*.

Il-Qorti tirrileva illi huwa l-korp tal-ftehim illi jobbliga lill-partijiet u mhux dak illi jitnizzel taht il-firma ta' parti, u ghaldaqstant, Charles Bianco, fil-ftehim illi abbazi tieghu intavola l-Ittra Ufficjali 166A, kien qieghed jidher *"ghan nom ta' Gianluca Auto Dealers"* u mhux "*ghan-nom ta' Western Company Limited"*, u ghalhekk Charles Bianco ghan-nom ta' Western Company Limited ma huwiex kreditur tar-rikorrenti Boris Formosa, bir-rizultat illi ma setax jintavola Ittra Ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A.

Ghalhekk, l-ilment tar-rikorrent f'dana il-fatt ukoll huwa gustifikat.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** ir-raba talba tar-rikorrenti,

**Tilqa** l-ewwel tlett talbiet tar-rikorrenti;

**Tichad** l-eccezzjonjiet kollha ta’ l-intimat, u ghalhekk

**Tiddikjara** l-Ittra Ufficjali Nru 16/18 fl-ismijiet ‘Carmelo sive Charles Bianco ghan-nom tas-socjeta Western Company Ltd vs Boris Formosa’ intavolata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit 18 ta’ Jannar 2018 bhala nulla u bla effett, u ghalhekk

**Tirrexxindi** it-titolu ezekuttiv ottejnut permezz ta’ tali Ittra Ufficjali, liema Ittra Ufficjali giet reza Ezekuttiva fit-13 ta’ Marzu 2018.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku ta’ l-intimat nomine.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur